MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VERONICA GALEA DEBONO**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2009

Talba Numru. 887/2007

Joseph u Anne konjugi Zahra.

Vs

Darren Spiteri (Id. 190283M).

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi qedin jitolbu s-somma ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600) minghand il-konvenut, rapprezentanti l-valur ta’ mutur tal-marka Johnson 25 Horse Power, liema mutur kien misluf ghand il-konvenut u ma ntraddx lura.

Ra r-risposta tal-konvenut li eccepixxa:- 1. illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt; 2. illi l-incident indikat fit-talba kien dovut a causa tat-traskuragni tal-attur innifsu kif ser jigi ppruvat fil-kawza; 3. illi l-valur tal-mutur Johnson 25 HP kien miftiehem ferm anqas minn dak indikat fil-kawza

mill-atturi; 4. illi l-attur qatt ma ftiehem dwar xi self tal-istess mutur mal-intimat; 5. illi l-intimat ghamel kull ma seta' sabiex jirkupra l-mutur wara l-incident f'B'Bugia u ghalhekk ma kienx effettivament possibbli li jintradd lura lill-atturi. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra l-kontro talba tal-konvenut li permezz tieghu talab illi l-atturi jigu ordnati jhallsu somma komplessiva ta' tlett mija u hamsin lira Maltin (Lm350) (€815) rapprezentanti hsarat f'mutur tal-bahar Nissan 18 Horse Power, ghad-danni tal-konvenut, liema hsarat gew ikkagunati b'tort tal-atturi u jikkonsistu f'Lm270 mutur; Lm50 steering u Lm30 cables. Bl-ispejjes inkluz dawk tan-nota fl-atti tal-ittra ufficjali.

Ra r-risposta tal-atturi ghall-kontro talba tal-konvenut fejn eccepew 1. illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt; 2. Illi l-incident indikat fil-kontro talba kien dovut a causa tat-traskuragni tal-konvenut; 3. illi l-ammont pretiz hu ezagerat; u 4. illi l-allegat hsara saret maghrufa lill-atturi wara li l-istess ghamlu rapport mal-Pulizija.

Sema' x-xhieda tal-attur Joseph Zahra.

Sema' x-xhieda tal-attrici Anne Zahra.

Sema' x-xhieda ta' Etienne Zahra prodott mill-atturi.

Sema' x-xhieda tal-konvenut Darren Spiteri.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Spiteri prodott mill-konvenut.

Sema' x-xhieda ta' Reuben Attard prodott mill-konvenut.

Ra d-dokumenti kollha li gew esebiti.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidra.**

Illi permezz tal-kawza odjerna, l-atturi qedin jitolbu l-hlas minghand il-konvenut ta’ l-ammont ta’ sitt mitt lira Maltin (Lm600), ekwivalenti ghal elf, tlett mija, u seba u disghin Ewro u tnejn u sittin centezmu.(€1397.62), prezz ta’ ‘*out board engine*’ illi kienu selfu lill-konvenut sabiex jippruvaha qabel ma jiddeciedi jekk kienx ser jixtriha, u liema magna waqghet gol-bahar waqt li l-konvenut kien qieghed jaghmel uzu minnu, u ghalhekk intilfet ghal kollox.

Illi fil-qosor, l-fatti tal-kaz huma s-segwenti:  L-atturi kienu poggew reklam ghall-bejgh ta’ magna ‘*out board’*, u l-konvenut kien irrisponda ghar-riklam peress li kien interessat li jixtriha.  Ovvjament il-konvenut l-ewwel ried jipprova l-magna qabel ma seta jiddeciedi jekk kienx ser jixtriha jew le, u ghalhekk il-partijiet kienu ftehmu li jiltaqghu gewwa B’Bugia, sabiex il-konvenut setgha jittestja l-magna fuq id-dghajsa tieghu.  Din il-magna twahhlet fuq id-dghajsa tal-konvenut, izda meta hu u l-gharus ta’ ohtu hargu biex jippruvawaha, din inqalghat mid-dghajjsa u waqghet gol-bahar.

Il-partijiet jaqblu piu o meno fuq il-fatti hlief ghal dak li jirrigwarda min effettivament wahhal il-magna fuq id-dghajsa tal-konvenut.  Minn-naha tieghu, l-attur isostni li kien il-konvenut, missieru u l-gharus ta’ ohtu, li wahhlu l-magna in kwistjoni fuq id-dghajsa tieghu, u li hu ma ghamel assolutament xejn biex jghinhom.

Minn-naha tieghu, pero, l-konvenut u x-xhieda prodotti minnu lkoll jikkonfermaw illi kien l-attur li wahhal l-magna fuq id-dghajsa, u li huma kienu biss qed jghinu billi jnewlulu l-ghodda.  Ghalhekk f’dan ir-rigward hemm zewg versjonijiet ghal kollox konfliggenti u kontradittorji, u tnejn li huma jinsabu korroborati mix-xhieda prodotti miz-zewg partijiet.

Illi l-partijiet jaqblu li alavolja l-konvenut u missieru kienu talbu lill-attur sabiex imur maghhom jipprova l-magna, dan ma riedx jaghmel hekk ghaliex kellu saqajh iweggghu, u ghalhekk il-konvenut u l-gharus ta’ ohtu (Reuben Attard) kellhom imorru wahedhom sabiex jipprovaw il-magna.

Il-konvenut u x-xhud Reuben Attard spjegaw kif waqt li kienu qedin jittestjaw il-magna fuq il-bahar, f'daqqa wahda din inqalghet minn mad-dghajsa u waqghet gol-bahar. Huma kellhom juzaw il-magna *spare* taghhom sabiex jergghu jidhlu lura max-xatt. Huma spjegaw li malli l-magna waqghet gol-bahar, id-dghajsa waqfet u l-konvenut minnufieh tefa' landa b-habel sabiex jimmarka l-post ezatt fejn kienet waqghet il-magna. Sussegwentement dakinhar stess, il-konvenut kien gab xi '*divers'* sabiex jinzlu jfittxu l-magna fil-post fejn waqghet, izda dawn ma rnexxilhomx isibuha peress illi l-bahar kien imcajpar wisq.

Illi tenut kont ta 'dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li din hija sitwazzjoni li tinkwadra ruhha taht l-artikolu 1824 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Kodici Civili, u cioe taht it-titolu 'fuq is-self ghall-uzu jew kommodat'.

L-istess Artikolu 1824 jiddisponi hekk kif gej:- *'Il-kommodat jew self ghall-uzu hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tikkunsinna haga lill-parti l-ohra, sabiex din tinqeda biha, bla hlas, ghal zmien jew ghal uzu determinat, bl-obbligu ta' dak li jirciviha li jrodd il-haga nfisha.'*

L-Artikoli 1827 u 1828 jkomplu jiddisponi hekk kif gej:-

1827 (1) - '*Il-kommodatarju ghandu jqis li jhares u jzomm fi stat tajjeb il-haga lilu mislufa, bhal missier tajjeb tal-familja'.*

1827 (2) - '*Ma jistax, taht piena tad-danni, jinqeda bil-haga ghal uzu iehor minn dak li ghalih ghandha sservi kif turi l-haga nfisha jew minn dak li jkun gie stabbilit fil-ftehim*'.

1828 – '*Jekk il-haga tispicca b'accident, minghajr htija tal-kommodatarju, dan mhu obbligat ghal ebda hlas ta' hsara'*.

Illi fid-dawl tal-provi migbura, t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut, u cioe l-kommodatarju, ma jidhirx li ghamel xi uzu hazin mill-magna mislufa lilu. Lanqas ma jista'

jinghad illi huwa ma kienx qieghed ihares jew izomm fi stat tajjeb il-magna li giet mislufa lilu. L-attur ma kienx mal-konvenut meta dan mar jittestja l-magna, u dan ghaliex ghazel hu li ma jkunx prezenti. L-attur la xehed u lanqas ma gab xi prova li l-konvenut kien ghamel xi uzu hazin mill-magna meta din kienet f'idejh. Skond il-konvenut huwa sempliciment hareg bil-magna sabiex jittestjaha fuq id-dghajsa tieghu, u waqt li kien qieghed isir hekk din waqghet gol-bahar. Ghalhekk ma hemm l-ebda prova ta' xi abbuz fl-uzu tal-magna jew ta' xi nuqqas da parti tal-konvenut.

Illi anki jekk huwa l-kaz li l-magna ma gietx imwahhla tajjeb mad-dghajsa u b'hekk inqalghat u waqghet gol-bahar, t-Tribunal ma jistax jasal ghall-konkluzzjoni li dan kien tort tal-konvenut, ghaliex kif diga ntqal izjed 'l fuq, hemm provi konfliggenti dwar min effettivament wahhal il-magna mad-dghajsa. Oltre dan, l-attur fl-ebda hin u mument ma qal fix-xhieda tieghu li l-konvenut ma wahhalx il-magna kif suppost, jew li ghamel xi haga hazina.

Jidher ghalhekk li dan huwa kaz car ta' accident, liema accident ma jistax jinghad li gara minhabba xi htija tal-konvenut.

It-Tribunal josserva wkoll illi meta gara l-accident, il-konvenut ghamel dak kollu li setgha jaghmel sabiex jipprova jsalva l-magna. Fl-ewwel lok meta din inqalghat minn mad-dghajsa, huwa tefa' l-marki fuq il-post fejn waqghet immedjatament, u fit-tieni lok, gab id-*divers* dakinhar stess sabiex jippruvaw isibu l-magna.

Ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu, t-Tribunal jidhirlu li gjaladarba l-magna intilfet minghajr ebda htija tal-konvenut, huwa m'ghandux jigi kkundannat ihallas xi hsara lill-attur.

Illi mbaghad, fir-rigward tal-kontro talba tal-konvenut, it-Tribunal josserva li apparti x-xhieda tieghu u dik ta' Reuben Attard, l-konvenut ma gab l-ebda prova konkreta in sostenn tat-talba tieghu, fis-sens illi ma pproduca l-ebda stima, kont, jew ircevuta ta' xi hlas li ghamel biex sewwa l-

hsarat li kellu. Kien jehtieg li dak li qieghed jitlob il-konvenut jigi ppruvat permezz ta' provi bhal dawn kif jigri s-soltu, u fin-nuqqas ta' dan, it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta u jiddeciedi billi fl-ewwel lok jichad it-talba tal-atturi, u fit-tieni lok jichad it-talba tal-konvenut kif kontenuta fil-kontro talba tieghu.
Fic-cirkostanzi l-ispejjes tal-kawza ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**Av. Veronica W. Galea Debono**
**Gudikant.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------